

FDR 1010154

PE - COURRIER	ENTRÉE
08 NOV. 2013	
N°	1109

KAMRA TAD-DEPUTATI



HOUSE OF REPRESENTATIVES

PARLAMENT TA' MALTA

Ufficio tal-Speaker

Speaker's Chambers

7 ta' Novembru 2013

**Is-Sur Josè Manuel Barroso  
President tal-Kummissjoni Ewropea**

**Is-Sur Martin Schultz  
President tal-Parlament Ewropew**

**Is-Sur Herman Van Rompuy  
President tal-Kunsill Ewropew**


**Opinjoni Motivata: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabillixxi miżuri biex jittlesta s-suq uniku Ewropew għall-komunikazzjoni elettronika u biex jinkiseb kontinent konness, u li jemenda d-Direttivi 2002/20/KE, 2002/21/KE u 2002/22/KE u r-Regolament (KE) Nru 1211/2009 u (UE) Nru 531/2012 (KUMM (2013) 627)**

Il-Parlament Malti eżamina il-proposta KUMM(2013)627 hawn fuq indikata u kkonkluda li din ma tissodisfax il-prinċipju tas-sussidjarjetà.

Għaldaqstant, skont id-dispożizzjonijiet ta' Protokoll Nru 2 tat-Trattat ta' Lisbona qed ngħaddilek opinjoni motivata mill-Parlament ta' Malta, bid-data tal-lum, annessa ma' din l-ittra.

Dejjem Tiegħek,

Anġlu Farrugia  
Speaker



**OPINJONI MOTIVATA: PROPOSTA GRAL REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL LI JISTABBILIXXI MIŻURI BIEX JITLESTA S-SUQ UNIKU EWROPEW GĦALL-KOMUNIKAZZJONI ELETTRONIKA U BIEX JINKISEB KONTINENT KONNESS, U LI JEMENDA D-DIRETTIVI 2002/20/KE, 2002/21/KE U 2002/22/KE U R-REGOLAMENT (KE) NRU 1211/2009 U (UE) NRU 531/2012 (KUMM (2013) 627)**

1 Raġunijet

L-Artiklu 6 tal-Protokoll Nru. 2 fuq I-Applikazzjoni tal-Prinċipji ta' Sussidjarjetà u ta' Proporzjonalità, anness mat-Trattat ta' Lisbona jipprovidi li kull Parlament Nazzjonalista jista', fi żmien tmien ġimġhat mid-data minn meta jirċievi abbozz ta' att legislatiūv uffiċjali tal-Unjoni, jibgħat lill-Presidenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, opinjoni motivata bir-raġunijiet li qalihom iqis li l-abbozz in kwistjoni ma jixxix mal-prinċipju tás-sussidjarjetà.

## 2 Opinjoni Motivata

### *Is-setgħa tal-Unjoni li tagħixxi*

Il-Parlament Malti iqis li l-Proposta tonqos milli tikkonforma mal-prinċipju tas-sussidjarjetà minħabba li l-Kummissjoni naqset milli tressaq evidenza ċara li hemm il-ħtieġa ta' azzjoni leġiżlattiva minn naħa ta' l-Unjoni Ewropeja li ma' tistax tintlaħaq b'azzjoni fuq livel nazzjonali.

Il-Parlament Malti jaqbel mal-viżjoni tal-Kummissjoni Ewropeja li l-Unjoni għandu jkollha. Suq Intern tal-komunikazzjoni elettronika b'saħħtu, dinamiku u kompetitiv. Jaqbel ukoll li l-qafas regolatorju Ewropew għandu jkun wieħed li jippromwovi l-kompetizzjoni, l-investiment u l-innovazzjoni. Dan iwassal għal aktar beneficiċċi, kemm għall-konsumatur, kif ukoll għall-ekonomija. Jagħraf ukoll li jista' jkun hemm lok għal aktar koordinazzjoni bejn il-pajjiżi u r-Regolaturi rispettivi għall-beneficiċċju tas-suq intern u għall-implementazzjoni tal-qafas regolatorju b'mod aktar effettiv.

Madankollu, il-Parlament m'huwiex konvint li din il-Proposta identifikat u ser tindirizza b'mod effettiv u effiċjenti, problemi spċifici li qiegħdin ikunu ta' xkiel sabiex jintlaħqu dawn l-għanijiet. Il-Parlament Malti għandu wkoll riservi dwar kemm fil-fatt din il-Proposta dejjem tħares il-prinċipju tas-sussidjarjet, peress illi numru sostanzjali ta' miżuri li qed jiġu proposti inaqqsu b'mod qawwi l-abbilta' tal-Istat u tar-regolatur Malti li jindirizza l-bżonnijiet spċifici tas-suq Malti. Għal diversi raġunijet, bħal per eżempju d-daqiż tal-pajjiż, il-lok ġeografiku u l-livell ta' kompetizzjoni abbażi ta' infrastruttura, is-suq Malti huwa differenti minn swieq fi Stati Membri oħra, u allura jista' jirrikjedi miżuri differenti.

Kull tibdin leġislattiv għandu jkun ir-riżultat ta' analiżi profonda tal-potenzjal, dğħufija, opportunitajiet u theddid fuq is-suq intern Ewropew u s-swieq nazzjonali. Għaldaqstant, il-ħtieġa għal azzjoni mill-Unjoni għanda tkun sostanzjata minn evidenza ċara li miżuri fuq livell Ewropew biss jistgħu jindirizzaw il-problemi li ġew identifikati. Il-Parlament Malti jqis li l-ispiegazzjoni mogħiġiha mill-Kummissjoni Ewropeja għat-tibdil propost, fl-evalwazzjoni tal-impatt li ġie ippublikat mal-Proposta, m'hix ibbażata fuq evidenza oġġettiva li ssostni l-bżonn ta' intervent ta' dan il-livell. Il-Kummissjoni qiegħda tpinġi s-suq tat-telekomunikazzjoni Ewropew bħala wieħed fi stat ħażin ħafna u qiegħda ssostni li dan l-istat huwa riżultat ta' qafas regolatorju frammentat. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tagħti l-impressjoni li r-regolamentazzjoni tas-suq hija s-soluzzjoni għall-problemi li għandu s-settur u ma tikkuns id-rax aspetti oħra esterni minn dan il-qafas regolatorju li potenzjalment qiegħdin jimpattaw bil-kbir dan is-suq. Il-Kummissjoni tonqos ukoll li tagħti evidenza ċara ta' kif id-differenzi li jeżistu fl-implimentazzjoni tal-qafas regolatorju preżenti qiegħdin idgħajfu s-sisien ta' suq intern aktar komplut. Din il-fehma negattiva wasslet biex il-Kummissjoni qiegħda tipproponi miżuri li ħafna minnhom huma meqjusa mill-Parlament Malti bħala mhux proporzjonali u li ma jikkonformawx mal-prinċipju tas-sussidjjarjeta'.

### *Miżuri fil-Proposta*

F'din il-Proposta, il-Parlament Malti jinnota li f'numru ta' każi, il-Kummissjoni qiegħda tipproponi li l-Istati Membri iċedu s-sovranita' tagħhom, fosthom:

- fejn għandu x'jaqsam l-ispettru tal-frekwenzi, fejn il-poter ta' l-Istati Membri li jiddeterminaw il-kundizzjonijiet (inkluż it-tariffi) tal-liċenzji li joħorġu ser jitnaqqas għaliex dawn il-kundizzjonijiet ser jiġu soġġetti għall-approvażzjoni tal-Kummissjoni;
- fir-rigward tal-poter li għandu r-regolatur Nazzjonali sabiex iwaqqaf operatur li jinstab li kiser il-liġi b'mod serju u ripetut milli jkompli jopera, fil-kas ta' 'Provdituri Ewropej' dan ser ikun jista' jsir biss mir-regolatur Nazzjonali tal-pajjiż fejn hu stabbilit dan il-provdit; u
- fil-kas tar-ri medji imposti fuq 'Provdituri Ewropej' fejn il-Kummissjoni qed tipproponi li jkollha l-poter li tuża l-veto biex twaqqaf miżuri nazzjonali mmirati lejn ir-regolamentazzjoni tas-swieq li fihom joperaw 'Provdituri Ewropej'.

Il-Kummissjoni qiegħda ukoll tipproponi li jkollha poteri vasti f'terminu ta' atti ta' implementazzjoni u atti delegati. Il-Parlament Malti m'hux konvint li dawn il-miżuri huma meħtieġa biex tifkattar il-kompetitivita' u l-innovazzjoni fis-suq tas-servizzi tal-komunikazzjoni elettronika, u wisq inqas, tal-kompetitivita' u l-innovazzjoni fis-suq intern mill-aspett tal-ekonomija diġitali kif qiegħda tgħid il-Kummissjoni. Il-Parlament Malti jħoss li din il-Proposta tnaqqas il-poter ta' Malta li tieħu l-aktar azzjoni xierqa lokalment f'sitwazzjonijiet li jirrikjedu dan il-bżonn. Dan kollu jmur kontra l-prinċipji tal-proporzjonalità u tas-sussidjarjetà.

Din il-Proposta ddghajjej ukoll l-iżvilupp ta' ambjent regolatorju prevedibbli, b'mod partikolari fil-każ ta' emenda oħra lir-Regolament tar-Roaming. Jidher ukoll li din il-Proposta ssostni l-konsolidazzjoni tal-operaturi l-aktar b'saħħithom u li huma misfruxin ma' numru ta' Stati Membri, mingħejr ma tikkunsidra l-impatt fuq operaturi żgħar li ħafna drabi jikkontribwxu b'mod importanti ferm għall-iżvilupp tas-suq u l-ekonomija lokal u għaldaqstant ukoll tas-suq intern.

Barra minn hekk, peress li l-Kummissjoni għażżelet Regolament bħala strument legali, il-Kummissjoni qed tistabbilixxi l-livell massimu ta' drittijiet u kundizzjonijiet li Stat Membru jista' jimponi. Dan japplika għat-test kollu, imma b'mod partikolari fid-dispożizzjoni jid-drittijiet tal-konsumatur. Dan mhux aċċettabbli għaliex din il-Proposta se tkun qiegħda tillimita d-drittijiet tal-konsumatur f'Malta, waqt li ser tkun qiegħda twassal sabiex dan il-Parlament ma jkunx jista' jaddotta emendi għall-liġi li tirregola s-suq tal-komunikazzjoni elettronika sabiex isħħaħ id-drittijiet tal-utenti ta' dawn is-servizzi f'Malta kif għamel fil-passat.


Il-Parlament Malti huwa tal-fehma li l-maġġoranza tal-għanijiet li dan ir-Regolament jittama li jilħaq jistgħu jinkisbu permezz ta' emendi fid-Direttivi attwali. Dan għandu jwassal għal inqas kumplessita' amministrattiva, burokrazija u spejjeż marbuta mar-regolamentazzjoni tas-suq, fil-waqt li ma jxeekielx lill-Istati Membri milli jfasslu r-reġim regolamentarju ta' pajjiżhom biex jindirizzaw b'mod xieraq il-karatteristiċi tas-suq lokali.

Fl-aħħar nett, il-Parlament Malti jħoss li Proposta ta' tibdil fl-liġi Ewropeja ta' dan il-livell kellha tīgħi sottomessa għall-konsultazzjoni pubblika qabel tīgi ppublikata mill-Kummissjoni. Għaldaqstant, il-Parlament Malti jħeġġeġ li tintuża kawtela fejn tidħol l-urġenza biex tīgi addottata din il-miżura peress li din il-Proposta tindirizza kwistjonijiet importanti u sensittivi li jeftiegu analiżi u diskussjoni metikoluża.

### *Konklużjoni*

Il-Parlament Malti kkonkluda li l-Kummissjoni naqset milli tressaq evidenza ċara għall-ħtieġa ta' azzjoni leġiżlattiva ta' din ix-xorta min-naħħa ta' l-Unioni Ewropeja, kif ukoll ta' dak li se jinkiseb permezz ta' din il-leġiżlazzjoni kif proposta. Il-Kummissjoni qiegħda tipproponi miżuri li jistgħu jaffetw negattivament il-poter tal-Istati Membri li jagħixxi kif l-aktar xieraq fejn hemm bżonn ta' azzjoni regolatorja fuq livell nazzjonali. Dan minħabba li qiegħda tipproponi qafas wisq restrittiv għaċ-ċirkostanzi differenti li pajjiż jista' jkollu.

Għalhekk, il-Parlament Malti ddeċieda li joġġezzjona għall-Proposta u li jwassal din l-opinjoni motivata skont il-proċedura definita fl-Artiklu 6 tal-Protokoll Nru 2 dwar l-Applikazzjoni tal-Prinċipji ta' Sussidjarjetà u Proporzjonalità, anness mat-Trattat dwar il-Funzjonament ta' l-Unjoni Ewropea.



Anġlu Farrugia  
Speaker  
House of Representatives of Malta